31 ta' Ottubru, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

William L. Dye ne. *versus* Prof. Federico Borg ne.

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Legat Fondat min-Nobbli Teresa Allard — Interpretazzjoni tal-Fondazzjoni.**

*F'din is-sentenza ġiet interpretata l-fondazzjoni li saret min-Nobbli Teresa armla tan-Nobbli Giuseppe Allard, a favur ta' xebbiet li jkunu jridu jiżżewġu jew isiru sorijiet.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tat-30 Mejju 1949, fejn hemm rikapitolati t-talba ta' l-attur u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn ġiet deċiża l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur;

Rat is-sentenza mogħtja mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fis-27 ta' Settembru 1949, fejn eleġġiet għall-konsegwiment tal-legat imsemmi fiċ-ċitazzjoni lil Suor Anna, fis-seklu Maria Borg, għall-bijennju 1947-48, u għall-alternativa tad-

dixxendenti ta' Francesco Menardi Franco u Grazia Calleja, u ordnat illi lilha tiġi mħallsa d-doti kongrua wara li temetti l-voti solenni, u dan għall-bijennju 1947-48; wara li kkunsidrat;

Illi l-alternativa li l-lum għandha t-turn tagħha hija dik tad-dixxendenti ta' Francesco Menardi Franco u Grazzjulla l-mara tiegħu; u ma hemmx ostakolu fil-fatt illi per mezz ta' sentenza tat-8 ta' Lulju 1946 kienet ġiet pregradwata dixxendenti oħra ta' l-istess linja, għaliex allura dik il-linja kienet ġiet ammessa in sostituzzjoni tal-linja l-oħra li nieżla minn Vincenzo Sciberras u Anna Agius, peress illi ħadd minn din l-aħħar linja ma kien deher; infatti ġie diversi drabi deċiż minn dik id-Deputazzjoni illi fil-każ ta' sostituzzjoni l-linja li tissostitwixxi ma titlefx it-turn tagħha għal-linja tagħha, skond is-sentenzi riportati fis-sentenza tad-Deputazzjoni;

Illi fost il-konkorrenti għandha tiġi preferita Suor Anna fis-seklu Maria Borg, tifla tal-Professur Federico Borg u Adelina Grech, peress illi din ġiet diġà ammessa mar-reliġjużi tal-Kongregazzjoni "di San Giuseppe della Apparizione", u hija akbar fl-età mill-oħra;

Illi lanqas hemm ostakolu għall-preferenza ta' dik il-linja fil-fatt illi fl-aħħar konkors il-gradwata kienet ħadet id-dota ta' bijennju ntier li huwa assenjat lil żewġ familji maltin, Sciberras-Agius minn naħa u Menardi Franco-Calleja mill-oħra, għaliex ħadet dal-biennju peress li kienet soru, u kieku l-bijennju ta' wara kien tal-majorkini, allura l-linja ta' Menardi Franco-Calleja tiġi maqbuża;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi n-Nobbli Teresa armla tan-Nobbli Giuseppe Allard, tifla ta' Giovanni Fiol, b'testment tagħha tal-10 ta' Jannar 1722 magħmul fl-atti tan-Nutar Gaspare Domenico Chircop, ordnat legat taż-żwieġ u għas-sorijiet; u fost kondizzjonijiet oħra ordnat :—

1. Illi lil xebbiet li jkunu jridu jiżżewġu ħalliet bħala dota r-renti ta' sena wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, u jekk l-ispejjeż ikunu eżorbitanti, allura x-xebba jkollha dritt tiġi rimborżata mir-renditi li jiġu maturati 'l quddiem;

2. Illi lil dawk li jkunu jridu jsiru sorijiet ħalliet ir-renditi ta' sentejn, dedotti l-piżijiet;

3. Illi l-monakandi għandhom ikunu preferiti għax-xebbiet fi kwalunkwe żmien;

4. "Più essa signora testatrice vuole che il diritto di domandar l'elettione per il conseguimento di detto legato l'habbiano per tutti i tempi d'havvenire tutti li figli, nepoti, pronepoti, posteri e discendenti legittimi e naturali del fu M. Vincenzo Sceberras e Signora Anna Hagius, già moglie del detto fu Vincenzo, e tutti i figli, nepoti, pronepoti, posteri e discendenti legittimi e naturali dalli furono M. Francesco Menardi Franco, già scrivano della Prigionia degli Schiavi di questa Città Valletta, e Signora Gratiulla già sua moglie, consanguinea della detta signora testatrice, ed anche i figli, nepoti, pronepoti, posteri e discendenti legittimi e naturali delli furono Signori Antonio Fiol e Madalena Barassa, Maiorchini, genitori del detto Signor Fiol, nonni paterni di essa testatrice, alternativamente, dovendo la fondatione principiare dalli figli e discendenti legittimi e naturali di dette due famiglie Sciberras e Menardi Franco, e poscia passare a quella di Fiol di Maiorca, dichiarando detta Signora Teresa testatrice che li nominandi o nominande per il conseguimento di detto legato della famiglia suddetta di Fiol di Maiorca debbano essere delli soli discendenti di detti Signori Antonio e Madalena giugali de Fiol e non già di altre famiglie Fiol, che si trovano in Maiorca anche che fossero consanguinee e non altrimenti";

5. "Più detta Signora Teresa testatrice vuole che niuno delle suddette famiglie possa havere il diritto di conseguire detto legato se prima non sarà nominato dalli suddetti ed infrascritti Signori Esecutori, li quali dovranno fare le nomine secondo l'ordine prescritto di sopra, e che il diritto di domandare tale nomina lo debbano avere li discendenti di dette famiglie anche nel caso che si trovassero accasate, o professe in qualche monastero; vuole però che la maggiornata debba essere sempre preferita nel conseguimento di detto legato, e che le monacande debbano essere preferite alle collocande in matrimonio come sopra, e non altrimenti";

6. "Più essa Signora Teresa testatrice vuole che tra dette famiglie per il conseguimento di detto legato s'osservi l'alternativa suddetta, cioè per un biennio dovranno essere eletti quelli o quelle delle dette due famiglie Xiberras e Menardi Franco, e tra queste due famiglie anche vi sia l'alternativa suddetta, cioè un anno per ciascheduna di dette due famiglie, e per un altro biennio quelli o quelle della detta famiglia Fiol di Maiorca, e così ha ordinato che si osservasse per tutti i tempi d'avvenire tra le dette due famiglie, e che le dette elettioni si facessero osservata sempre la detta alternativa, e non altrimenti";

7. Iddisponiet ukoll illi fil-każ li ma jkunx hemm konkorrenti tal-linja li jkollha t-turn, allura l-eżekuturi "dovranno passare all'elettione di quelli o quelle che delle altre famiglie pretenderanno tale elettione, con osservare però, sempre l'alternativa di sopra specificata per quello li sarà permesso";

Tikkunsidra;

Illi d-Deputazzjoni tal-Legati b'diversi sentenzi sas-sena 1875 kienet irriteniet illi għandha tiġi osservata l-alternativa tal-familji maltin għal bijennju, u għal majorkini għal bijennju ta' wara; u jekk tkun eletta soru, li għandha dritt għar-renditi ta' sentejn, allura t-tieni sena teħodha meta jerġa' jiġi t-turn ta' dik il-linja. L-istess Deputazzjoni, mis-sena 1887 'il hawn, qalbet din l-interpretazzjoni, u bdiet tagħti r-renditi ta' sentejn kontinwi jekk tiġi eletta soru favur dik il-linja, u jekk għal-linja ta' wara tkun eletta soru oħra tieħu r-renditi ta' sentejn oħra; u għalhekk, jekk dawk ikunu fil-linja tal-maltin, il-majorkini ma jkunux jistgħu jkollhom it-turn tagħhom ħlief wara erbgħa snin;

Ċertament il-fondazzjoni għandha tinqara fil-kompless tagħha kollu, u jiġu konċiljati dispożizzjoni ma' oħrajn li jidhru kontradittorji. Infatti hemm regola, illi fil-fondazzjoni tidher li hija assoluta, fis-sens illi bijennju tar-renditi jmur għal familji maltin u bijennju jmur għal familji majorkini. Imma din id-dispożizzjoni għandha tinqara in konkatenazzjoni ma' dik l-oħra li hemm qabel, fejn jingħad illi meta l-gradwata tkun soru allura tieħu r-renditi ta sentejn. Jekk is-soru gra-

dwata għandha tieħu r-renditi ta' sentejn, għandha neċessarjament il-familja l-oħra, li normalment jiġi t-turn tagħha wara sena, tistenna għal sena oħra; u jekk minn din il-familja tiġi mill-ġdid eletta soru oħra jew monakanda, allura terġa' tieħu r-renditi ta' sentejn; jekk dan jiġri għat-turn tal-familji maltin, allura l-majorkini minflok sentejn ikollhom jistennew erbgħa snin. Diversament però, jekk ir-regola tal-bijennju tiġi interpretata restrittivament fis-sens li wara sentejn it-turn imur fuq il-majorkini, anki jekk l-eletti kienu monakandi, allura l-konsegwenza tkun (1) illi jekk dik l-eletta tkun ta' l-ewwel familja Sceberras-Agius, allura peress illi l-monakanda tieħu r-renditi ta' sentejn, il-familja l-oħra Menardi Franco ma tkunx tista' tieħu t-turn tagħha, kontra r-regola l-oħra talfondazzjoni illi l-ewwel turn ikun tal-maltin u mbagħad talmajorkini, fl-ordni illi l-ewwel tkun tal-familja Sceberras-Agius u mbagħad ta' Menardi Franco; li mhux biss tkun inġusta, imma evidentement kontra l-volontà tat-testatriċi; (2) jew inkella l-monakanda eletta mill-familja Sceberras-Agius tieħu r-renditi ta' dik l-ewwel sena, u mbagħad għat-tieni sena, peress li hija għandha dritt għal sentejn, ikollha tistenna tliet snin sakemm jerġa' jiġi t-turn ta' dik il-familja, kif kien isir fil-konkorsi l-antiki—ħaġa li tidher li hija fiha nfisha komplikata u tista' ġġib komplikazzjoni, peress illi d-Deputazzjoni teleġġi għall-bijennju avżat u mhux għal tliet snin ta' wara. Mentri fil-każ kif ġie stabbilit mis-sentenza appellata, u kif del resto l-konswetudini hija mis-sena 1887 'il hawn, dik il-monakanda tieħu r-renditi ta' sentejn konsekutivi; imbagħad, jekk wara dawk is-sentejn jiġi t-turn tal-familja Menardi Franco u tkun eletta monakanda oħra, tieħu r-renditi ta' sentejn oħra konsekutivi, u wara dawk l-erbgħa snin jiġi t-turn tal-majorkini, illi jkunu jistgħu jieħdu r-renditi ta' erbgħa snin ukoll jekk l-eletti jkunu monakandi; u allura l-ebda familja ma jkollha preġudizzju, u ma jkunx hemm il-konfużjoni u ċerta komplikazzjoni li neċessarjament tinqala' fil-każ invers;

Tikkunsidra;

Illi veru huwa li f'dawk il-każijiet tispiċċa r-regola talbijennju; però din ir-regola għandha tiġi ko-ordinata għal

dawk il-każijiet eċċezzjonali li jistgħu jiġru. Infatti t-testatriċi *espressament ordnat illi l-fondazzjoni għandha tibda* "principiare dalli figli e discendenti legittimi e naturali delle furono due famiglie Sceberras e Menardi Franco", ċjoè l-Maltin, "e *poscia* passare a quella di Fiol di Maiorca..........." Il-kliem "e *poscia* passare" jindikaw illi l-volontà tat-testatriċi kienet illi qabel ikun eżawrit it-turn tal-familji maltin, u mbagħad jiġi t-turn tal-majorkini. Issa biex jiġi eżawrit it-turn, mhux biss għandu jkun hemm l-elezzjoni, iżda anki l-effetti ta' l-elezzjoni, u ċjoè l-konsegwiment da parti ta' l-eletti tar-renditi li għalihom għandhom dritt minħabba dik l-elezzjoni; u għalhekk jekk ġew eletti monakandi, biex l-effett jiġi eżawrit, hemm bżonn illi huma jieħdu r-renditi tas-sentejn li għalihom kull monakanda għandha dritt; "e poscia passare" għall-elezzjoni tal-majorkini. Diversament, jekk jiġi t-turn tal-majorkini mingħajr l-eżawriment ta' l-effetti kollha ta' l-elezzjoni tal-maltin, vwoldiri illi wieħed ikun qiegħed jivvjola dik id-*dispożizzjoni;*

Tikkunsidra;

Illi t-testatriċi stabbiliet ukoll ir-regola assoluta u obligu lill-ammnistratur illi għandu jara illi l-fondijiet tagħha jkunu dejjem riparati; u għalhekk id-dota għandha tiġi ridotta mill-ispejjeż neċessarji għar-riparazzjoni; imbagħad ipprevediet illi "nel caso che per detti concimi si vorrà una spesa esorbitante, dovrà la zitella eletta rimborsarsi del supplemento dagli frutti che matureranno in appresso; a quelle però che vorranno far professione in qualsiasi monastero dovrà ciascheduna di loro *conseguire li frutti di due anni di detti suoi beni et effetti here*ditari per applicarli in sussidio della loro dote spirituale, dedotti li concimi ordinari come sopra..........." Minn dan jidher biċ-ċar illi jekk l-eletta, wara li jiġu dedotti l-ispejjeż, peress li dawn ikunu eżorbitanti ma jkollhiex dota jew ikollha dota żgħira, ikollha dritt tiġi rimborżata mis-suppliment tar-*renditi "che matureranno in appresso a quelle"; u dawn il-*kliem jagħtu l-idea illi l-eletta jkollha dritt tiġi rimborżata mir-renditi tas-snin immedjatament sussegwenti; u għalhekk ir-regola tal-bijennju f'dan il-każ straordinarju tiġi anki ne-

ċessarjament disturbata. Tidher anki l-idea tat-testatriċi illi, fl-istess paragrafu, wara li użat dawk l-espressjonijiet fuq indikati, għaddiet għall-każ ta' monakanda li għandha tieħu r-renditi ta' sentejn ďedotti mill-piżijiet fuq imsemmija, u allura kienet ċara l-idea tat-testatriċi illi anki fil-każ ta' monakanda riedet illi dik it-tieni sena titkompla ma' l-ewwel sena u jkunu r-renditi tat-tieni sena immedjatament susegwenti, għaliex kieku kien diversament hija kienet tagħmel xi eċċezzjoni biex tevita li jista' jiftiehem il-kuntrarju, peress illi dik id-dispożizzjoni qegħda fl-istess paragrafu fejn jingħad illi s-supplement għandu jittieħed mir-renditi "che matureranno in appresso a quelle". Kienet ċertament tgħid illi r-renditi tat-tieni sena tas-soru ma għandhomx jiddisturbaw ir-regola tal-bijennju, jew espressjoni simili;

Tikkunsidra;

Illi peress l-interpretazzjoni tal-fondazzjoni toffri ċerta diffikultà huwa ġust illi l-ispejjeż ikunu moderati;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-ewwel talba ta' l-attriċi għad-dikjarazzjoni mitluba, u għalhekk tirrespinġi wkoll it-tieni talba, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ li fuqha hemm dan l-appell. U tordna illi l-ispejjeż ta' dina l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; id-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur appellant.